*Fit-Tribunal Industrijali*

*Fil-kwistjoni tax-Xoghol*

*bejn:*

*Anastasi Doreen*

*Vs*

*Pinnacle Gaming Group Limited u bi sentenza datata tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmienja (2008) l-isem gie sostitwit Gaming Operations Limited "Casino de Bingo".*

*Kaz Nru 2319/JB*

*Illum 15 ta' Lulju 2011*

*Decizjoni Nru 2093*

*Chairman: Dr Joseph P Bonnici LL.D*

**Introduzzjoni**

Illi l-appellanti talbet lil dan it-Tribunal jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impjieg taghha minn mas-socjeta' intimata ma saritx ghal raguni gusta.

Da parti taghha s-socjeta' intimata allegat in linea preliminari li l-appellanti qatt ma kienet impjegata mas-socjeta' Pinnacle Gaming Group Limited. B' sentenza tat-Tribunal datata dsatax (19) ta' Lulju tas-sena elfejn u sitta (2006) u konfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, saret korrezzjoni fl-isem b' dan li l-legittimu kontradittur gie ndikat bhala Gamimg Operations Limited "Casino de Bingo".

**Provi**

Is-socjeta' intimata produciet lil Johann Schembri (Direttur) li xehed dwar l-impjieg tal-appellanti. Bdiet bhala Chief Cashier, saret receptionist minhabba l-izbalji li kienet qed taghmel. Inghatat warnings datati hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru elfejn u tlieta (2003), sbatax (17) ta' Novembru elfejn u tlieta (2003) u tmienja (8) ta' Gunju elfejn u erbgha (2004).

Kenneth Fenech- Operations Manager. Kien supervisor ta' Claudio Mifsud – Duty Manager li kellu taht idejh il-haddiema tal-play floor. Meta l-appellanti ma dahhlitx ta' l-ordni biex jintbaghat it-tabib tal-kumpanija ghal verifika.

Claudio Mifsud – xehed dwar in-nuqqas ta' attendenza tax-xoghol tal-appellanti minhabba raguni ta' mard. Kien hu li mal-appellanti tkellem dwar l-assenza taghha. It-tabib tal-kumpanija informahom li kienet tajba ghax-xoghol, filwaqt dak privat sostna li ma kenitx.

Dr Joseph Tonna – tabib tal-kumpanija xehed li mar jinvistaha erbat ijiem wara li rraportat 'sick' u sabha tajba ghax-xoghol. Irrilaxxja certifikat f' dan is-sens esibiet.

Philip Bonnici – in rapprezentanza tal-ETC employment history u termination notice tal-appellanti.

L-appellanti pproduciet lil Dr Salvina Borg li ezaminat u rrilaxxjat ic-certifikat mediku dwar sahhet l-appellanti – ma kinitx tajba ghax-xoghol mit-tnax (12) ta' Lulju 2005 sas-sittax (16) ta' Lulju 2005. Fis-sbatax (17) ma kinitx tajba ghax-xoghol. L-appellanti xehdet li ma kinitx dahlet ghax-xoghol fis-sbatax (17) peress li ma kinitx xoghol skond ir-roster il-Hadd. Dahlet ghax-xoghol fit-tmintax (18). Kellha l-impjieg terminat fl-ghoxrin (20) ta' Lulju 2003.

**Konsiderazzjonijiet**

Illi huwa veru li s-socjeta' intimata tinvoka z-zewg warnings precedenti li giet moghtija fis-sbatax (17) ta' Novembru 2003 u fit-tmienja (8) ta' Gunju 2004. Meta saret receptionist minn Chief cashier dana gara minhabba li dak il-post kien gie abolit (vide ittra datata hmistax (15) ta' Ottubru 2003 Dok DA5).

Illi pero' l-enfasi taghha saret fuq in-nuqqas ta' attendenza ghax-xoghol fil-gurnata fis-sittax (16) ta' Lulju 2005. L-appellanti rraportat 'sick' ghal perjodu mit-tnax (12) ta' Lulju 2005 sas-sittax (16) ta' Lulju 2005. Dana gie verifikat minn Dr Salvina Borg li rrilaxxat ic-certifikat mediku esibit bhala Dok DA1 datat tnax (12) ta' Lulju 2005. Fis-sbatax (17) ta' Lulju 2005 l-appellanti ma kinitx xoghol (kien il-Hadd) u dahlet ghax-xoghol fit-tmintax (18) ta' Lulju 2005. L-impjieg taghha gie terminat fl-ghoxrin (20) ta' Lulju 2005.

Illi li gara hu li s-Sibt giet invistata mit-tabib tal-kumpanija u cioe' Dr Joseph Tonna, li ccertifika li kienet tajba ghax-xoghol dakinhar. Skont ix-xhieda taghha fis-seduta tlettax (13) ta' April 2007 l-appellanti stqarret li t-tabib mar ghandha xil-hamsa u nofs is-sittax neqsin kwart (5.30/5.45) ta' filghaxija u qallha li sabha tajba ghax-xoghol. Hija

ribattiet lic-certifikat mediku rilaxxjat mit-tabiba taghha, kien jum qabel gie konsenjat lill-principal taghha. Meta nfurmat lil Claudio Mifsud dana allegatament qallha li ma kellhiex ghalfejn tinkwieta. Il-verzjoni tieghu inbidlet xi ftit meta xehed quddiem dan it-Tribunal. Aktar u aktar meta d-direttur strah fuqu biex jigi terminat l-impjieg tal-appellanti.

Illi jigi rilevat li l-impjieg tar-rikorrenti huwa regolat b' kuntratt tal-impjieg ghal perjodu indefinite datat tal-ewwel (1) ta' Novembru 2003 ezibit bhala Dok MD 1 fis-seduta tat- tnejn (2) ta' Novembru 2005.

L-Art 4.06 li Jirregola s-Sick Leave. L-Art 4.06(3) jghid "Medical recognised certificates drawn up by any medical practitioner shall support any illness and injury. Specialists commissioned by the company may also vary sickness absences. The finding of the specialist commissioned the company shall prevail in every instance. Absences on account of illness and injury shall be notified telephonically or by any other means to the company as directed by the management on the first of absence".

L-appellanti baghtet ic-certifikat mediku tat-tabib taghha li hija registrata permezz ta' omm il-partner taghha.

Il-kumpanija baghtet it-tabib taghha biex jinvistaha fl-ahhar gurnata tas-sick leave u fil-ghaxija. Se mai il-kumpanija kellha tibghat specjalista 'ab initio' biex is-sick leave ordnat mit-tabib personali jigi varjat mhux fl-ahhar gurnata, in-nomina ta' specjalista flok tabib normali hija ragjonata minhabba xi kaz ta' konflitt. Kellu jmur fil-ghodu kmieni mhux ihalli ghall-ahhar! Huwa naturali li lejliet li tispicca s-sick leave u l-ghada trid tirraporta lura x-xoghol, il-haddiem li kien fuq is-sick leave jkun tajjeb ghax-xoghol. Ikun ghaddielu! Il-kumpanija ma tterminatx ix-xoghol immedjatament izda jumejn wara li regghet irritornat ghax-xoghol.

Illi l-kumpanija kienet frettuluza wisq biex tehles mill-impjegata taghha. Kellha zewg warnings diga. Pero' dawn kienu antiki, fis-sbatax (17) ta' Novembru 2003 u fit-tmienja (8) ta' Gunju 2004. L-impjieg gie terminat fl-ghoxrin (20) ta' Lulju 2005. Ghaddew snin minn fuqhom. Il- prassi hija li dawk il-warnings ili jeccedu s-sena qabel it-terminazzjoni ma ghandhomx jigu konsiderati. L-appellanti kienet ghadha tispicca minn maternity leave, u nfurmathom li regghet inqabdet tqila!

**Kumpens**

It-Tribunal wara li ra l-Art 80 u 81 tal-Kap 452 u tenut kont tal-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-provi prodotti qed jiffissa il-kumpens pagabbli fis-somma tnax il-elf Euro (€12000).

**Konkluzjoni**

Illi t-Tribunal jiddeciedi illi t-terminazzjoni tal-impjieg ma saritx ghal raguni valida, u jikkundanna lis-socjeta intimata thallas lill-appellanti is-somma ta' tnax il-elf Euro (€12000) bhala kumpens.

Drittijiet qed jigu ntaxxati fis-somma ta' disghin Euro (€90).

**Iffirmat:** **Dr Joseph P Bonnici**

**Chairman**

**Vera Kopja**

**Graziella Spiteri**

**Ghas-Segretarju**